# IT-TAGĦLIM FI ŻMIEN IL-GWERRA

Is-sorijiet tal-Karità taffew il-problema tan-nuqqas ta' tagħlim f'Birkirkara. Fl-Istitut San Franġisk kien hemm madwar 510 tfal, li grazzi għal dawn is-sorijiet, kieku dawn it-tfal kienu jiġġerrew fit-triqat ta' Birkirkara ma' mijiet ta' tfal oħra. Dawn is-sorijiet kienu jieħdu ħlas żgħir, u f'xi każi l-ebda ħlas mingħand il-ġenituri tat-tfal li huma kienu jgħallmu. Ġo kamra mdaqqsa, f'waħda mill-kmamar ta' dan l-Istitut, ġieli kien hemm 120 tifel u tifla mrassin flimkien. Xi tfal li kienu ġejjin minn familji fqar jew li kienu jiġu mill-bogħod kienu anke jiġu mitmugħin b'xejn fil-post. L-Istitut kienet tmexxih is-Superjura Innoċenza Mizzi. Ta' min jgħid ukoll li dawn is-sorijiet barra li kienu jgħallmu lil dawn it-tfal, wettqu ukoll ħidma siewja fl-isptarijiet, fi Fra Diegu u fir-riformatorju.

IL-Kolleġġjata ta' Sant'Elena ukoll serviet ta' skola. Fis-sagristija kien hemm żewġ klassijiet imdawwlin bid-dawl elettriku l-ġurnata kollha. Min jaf kemm Karkariżi jiftakru dan kollu b'nostalġija!

Birkirkara fit-tieni gwerra nistgħu ngħidu li ma tantx rat bombi u ħerba bħalma kien hemm f'ibliet oħra ta' Malta. Il-ħajja kienet tieqaf ħesrem meta l-Karkariżi kienu jisimgħu xi air-raid u għalhekk kienu jitilqgħu jiġru għax-xelter taħt l-art. Anke l-element edukattiv tal-Karkariżi ma tantx bata' għaliex il-providenza ta' Alla kienet kbira b'interċessjoni ta' l-Immakulata, li dak iż-zmien kienet fostna, u Sant'Elena li hija l-għożża tagħna il-Karkariżi.

Ta' min issemmi ukoll xi personalitajiet li kienu jamministraw fi żmien il-gwerra ġewwa Birkirkara. Fil-Protection Office li kien fi Triq il-Wied kien hemm id-Deputy Regional Protection Officer is-Sur Edwin Diacono; is-Sur Salvinu Zammit, il-Protection Officer u s-Sur Oscar Cuschieri, Assistant Protection Officer. Il-membri tal-Kumitat Distrettwali kien magħmul mit-tabib Pawlu Borg Olivier, is-Sur Louis Darmanin, Dr. J. Xuereb u l-Kaptan George Xuereb. Is-superintendent tal-pulizija kien John Xuereb u l-Ispettur Frank Cassar. Il-Prepostu tal-Knisja Kolleġġjata ta'Satna Elena kien il-Wisq Revdu Kanonku E. Vella. Is-surmast ta' l-iskola tal-Gvern kien is-Sur A. Valletta u s-Sur Borg Camilleri, Spettur ta'l-iskejjel.